Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2641

22.12.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2641

## tas-16 ta' Diċembru 2025

## li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Repubblika tal-Korea għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Korea għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li n-negozjati jinfetħu bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Korea għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (il-"Ftehim").

(2) Jenħtieġ li l-Ftehim jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u familjari, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji u filwaqt li jqis b'mod xieraq il-prinċipju ta' proporzjonalità f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

(3) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ikunu konformi mal-istandards internazzjonali applikabbli dwar il-PNR, kif stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, jiġifieri fl-Anness 9 tagħha (Faċilitazzjoni), il-Kapitolu 9 (Sistema ta' Skambju ta' Data dwar il-Passiġġieri), it-Taqsima D (Data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)).

(4) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra datata 28 ta' Novembru 2025, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u ta l-Opinjoni 28/2025 tiegħu fis-6 ta' Novembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mill-Unjoni lir-Repubblika tal-Korea għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji.

In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi tan-negozjati tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

1. In-negozjati għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM), soġġett għal kwalunkwe direttiva li l-Kunsill jista' sussegwentement jipprovdi lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar it-twettiq, il-progress, u l-eżitu tan-negozjati fuq bażi regolari u kull meta tintalab mill-Kunsill, u għandha tibgħatlu d-dokumenti rilevanti kmieni kemm jista' jkun sabiex il-membri tal-Kunsill ikollhom żmien raġonevoli biex iħejju ruħhom kif xieraq għan-negozjati li ġejjin.

3. Fejn adatt, jew meta mitlub mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport bil-miktub.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BJERRE